*Proċedimenti quddiem l-UASI*: proċedimenti ta' oppożizzjoni

*Deċiżjoni kkontestata*: deċiżjoni tal-Ħames Bord tal-Appell tal-UASI tal-1 ta' Lulju 2015 fil-Każ R 1906/2014-5

**Talbiet**

— tannulla d-deċiżjoni kkontestata, inkluż id-dispożittiv tagħha, tal-Bord;

— ir-rikorrenti jitolbu l-ispejjeż ta' dan ir-rikors u tal-proċedimenti quddiem il-Ħames Bord tal-Appell flimkien ma' kwalunkwe miżura u/jew deċiżjoni komplimentari jew oħra li l-Qorti Ġenerali jista' jidhrilha xieraq.

**Motiv invokat**

— Id-deċiżjoni kkontestata waslet għal konklużjoni żbaljata dwar in-natura tat-trade marks u l-elementi tagħhom, li jista' jkollha impatt sinjifikattiv fuq il-konsumaturi rilevanti.

---

## Rikors ippreżentat fil-25 ta' Settembru 2015 – Fondazione Casamica vs Il-Kummissjoni u EASME

**(Kawża T-569/15)**

(2015/C 398/83)

*Lingwa tal-kawża: it-Taljan*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Fondazione Casamica (Salerno, l-Italja) (rappreżentant: M. Lamberti, avukat)

*Konvenuti:* L-Aġenzija Eżekuttiva għall-Intrapriżi Żgħar u Medji (EASME), Il-Kummissjoni Ewropea

**Talbiet**

— tannulla l-att ikkontestat: Results of the evaluation – Ineligible proposal. Proposal: A4A, 699442, Deċiżjoni bir-referenza Ares (2015)3187639 adottata mill-Kummissjoni Ewropea, Easme Executive Agency for Small and Medium-Sized Enterprises, sa fejn huwa illegali għar-raġunijiet indikati;

— tiddikjara li l-proposta ta' parteċipazzjoni nru: A4A, 699442, akronimu A4A, titolu: Archeology 4 All hija ammissibbli u tippermetti lir-rikorrenti u lis-sieħba tagħha jipparteċipaw fis-sejħa fil-kuntest tal-korsorzju li ġie fformat għal dan l-għan.

**Motivi u argumenti prinċipali**

Is-sejħa għal proposta li hija s-suġġett ta' dan ir-rikors għandha l-għan li toħloq, tistruttura u tiżviluppa mudell ta' turiżmu aċċessibbli li, wara li jidentifika d-diffikultajiet marbuta mad-diżabbiltajiet tat-turisti, jegħlibhom permezz ta' prototip li jkun soluzzjoni applikabbli u li mbagħad ikun jista' jiġi propost mill-ġdid f'kull sit ta' interess kulturali u arkeoloġiku.

Il-kundizzjonijiet ta' ammissibbiltà sabiex jiġi ppreżentat proġett kienu jipprevedu, minbarra esperjenza speċjalizzata u kkonsolidata fiż-żmien fis-settur ikkonċernat, u l-parteċipazzjoni ta' persuna ġuridika marbuta fil-qrib mal-għanijiet tal-proposta, il-preżenza ta' awtorità tal-amministrazzjoni pubblika nazzjonali, reġjonali jew lokali.

Insostenn tar-rikors tagħha, ir-rikorrenti tinvoka żewġ motivi.

1. L-ewwel motiv, rigward l-ammissibbiltà tal-proposta

   — Is-Supraintendenza arkeoloġika ta' Campania (Soprintendenza Archeologia della Campania) huwa korp irrikonoxxut li jagħmel parti mill-awtorità tal-amministrazzjoni pubblika inkwantu direttorat lokali tal-ministeru tal-beni u tal-attivitajiet kulturali u tat-turiżmu (Ministero dei Beni e delle Attività Culturali e del Turismo).

2. It-tieni motiv ibbażat fuq in-natura ġuridika tas-sieħeb Supraintendenza

   Skont l-organizzazzjoni tad-direttorati ġenerali tal-ministeru, prevista permezz tad-digriet tal-president tal-Kunsill tal-ministri Nru 171, tad-29 ta' Awwissu 2014, is-supraintendenzi huma direttorati lokali li n-natura, il-forma ġuridika u l-funzjoni tagħhom jitnisslu u huma parti instrinsika mill-istruttura ġuridika u amministrattiva tal-ministeru: huma ma humiex iddelegati mill-ministeru u ma jistgħux jitqiesu li huma korpi li jaġixxu b'delega ta' awtorità amministrattiva.

---

## Rikors ippreżentat fil-5 ta' Ottubru 2015 – For Tune vs UASI – Gastwerk Hotel Hamburg (fortune)

## (Kawża T-579/15)

(2015/C 398/84)

*Lingwa tar-rikors: l-Ingliż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* For Tune sp. z o.o. (Warszawa, il-Polonja) (rappreżentant: K. Popławska, avukat)

*Konvenut:* L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (UASI)

*Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell:* Gastwerk Hotel Hamburg GmbH & Co. KG (Hamburg, il-Ġermanja)

**Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-UASI**

*Proprjetarju tat-trade mark ikkontestata:* ir-rikorrent

*Trade mark ikkontestata kkonċernata:* trade mark Komunitarja figurattiva li tinkludi l-element verbali "fortune" – Applikazzjoni għal reġistrazzjoni Nru 11 525 491